MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2010

Appell Kriminali Numru. 117/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Tabone**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Tabone talli fit-3 ta' Awissu 2005 u fil-granet ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, personalment jew bhala Direttur tal-Kumpanija 'Webwaves Limited' (bin-numru ta' registrazzjoni C261115), minghajr awtorizzazzjoni pprevena jew ostakola d-dhul ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imsemmi Joseph Tabone ghall-hlas ta' spejjezli jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' April 2008, li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Joseph Tabone hati ta' l-imputazzjoni dedotta u minnha lliberatu;
Rat ir-rikors ta' appell tal-Avukat Generali pprezentat fil-5 ta' Mejju 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, issib htija u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali hu li l-ewwel Qorti interpretat hazin l-artikolu 337C(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Jghid illi anke l-ewwel Qorti qalet li l-agir ta' l-appellat kien ta' *redirection*. Skond l-appellant dan kien abbuz mid-drittijiet tal-klijenti li riedu jikkonnettu ma' *website* partikolari u mhux dik li l-appellat ried li jikkonnettu maghha, u dan bi skop ta' lukru kummercjali. Skond l-appellant, dan l-agir kien qieghed jipprevjeni u jostakola lill-klijenti tal-Internet milli jidhlu fil-*website* ta' Datastream. Ghalhekk, jikkonkludi l-appellant, l-utent ma setax jottjeni l-informazzjoni u data li kien hemm f'dak is-sit u dan bi ksur ta' l-artikolu 337C(1)(d) imsemmi.

Issa, l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha qalet illi jirrizulta li l-appellat (allura imputat) ma kienx awtorizzat li b'xi mod jostakola d-dhul ghal xi data u li kien hu li ta struzzjonijiet biex isir *rerouting* meta s-*subscribers* tieghu jikklikkjaw www.stream.net.mt u jsibu ruhhom f'site ohra. Pero` kkonkludiet li dak li kien ghamel l-appellat ma kienx

*"computer misuse"* fis-sens tal-ligi li tahtha gie akkuzat. L-ewwel Qorti qalet hekk f'dar-rigward:

"45. Fil-fehma tal-Qorti, l-artikoli 337B. 337C, 337D, 337E, 337F u 337G huma intizi sabiex irazznu reati li jistghu jsiru f'dak li ghandu x'jaqsam mal-kontenut ta' *computer* jew ta' l-apparat innifsu jew ta' xi *software* jew ta' facilitajiet ta' komunikazzjoni li huma konnessi jew relatati ma' *computer* f'sistema ta' *computer* jew *computer network*.[1]

"46. L-artikolu 337C isemmi l-kelma *'computer'* b'mod specifiku fis-subparagrafi (a), (b) u (i) biss, jigifieri fi tliet sub-paragrafi minn ghaxra. Fis-subparagrafu maghzul mill-prosekuzzjoni l-kelma *'computer'* ma tidhirx.

"47. B'danakollu, ezami akkurat tas-subparagrafi, tat-titolu u tad-definizzjonijiet moghtija fl-artikolu 337B jindikaw car li fl-artikoli 337B sa 337G il-legislatur kien qed jirregola reati li ghandhom x'jaqsmu mal-*computer* biss. Ghalkemm fis-subparagrafi msemmija l-kelma *'computer'* ma tidhirx, ma jfissirx li l-legislatur kien qed jillegisla ghal sitwazzjonijiet li huma barra l-*computer misuse*. Barra minn hekk, ma jirrizultax mill-kliem tal-ligi f'dawn l-artikoli li l-agir ta' l-ISPs huwa b'xi mod kopert.

"48. Is-sitwazzjoni ta' l-imputat hija dik ta' ISP. Skond il-Wikipedia:

*'An ISP is a business organisation that provides consumers or businesses access to the Internet and related services. In addition to Internet access via various technologies such as dial-up and DSL they may provide a combination of services including Internet transit, domain, name registration and hosting, web hosting and collocation.*

*'Just as their customers pay them for Internet access, ISPs themselves pay upstream ISps for Internet access.*

---

[1] Hawn din il-Qorti tosserva illi skond l-artikolu 337B(3), riferenza ghal *computer* fis-sub-titolu in kwistjoni tinkludi riferenza ghal *computer network*.

*In the simplest case, a single connection is established to an upstream ISP, and the ISP uses this connection to send or receive any data to or from parts of the Inetrnet beyond its own network.'*

"49. Fis-sub-titolu V tat-Titolu IX tal-Kap. 9 imkien ma nsibu definizzjoni ta' ISP. Ghal kuntrarju fil-Konvenzjoni tal-Kunsill Ewropea Numru 185 li hija dwar is-*Cybercrime* hemm definizzjoni specjali ta' l-ISPs kif ukoll hemm artikoli *ad hoc* li jorbtu l-Gvernijiet joholqu ligijiet ta' x'ghandu jkun ir-rwol ta' dawn l-ISPs f'kazijiet ta' *Cybercrime*.

"50. Dan is-sub-titolu tal-Kap. 9 la ghandu x'jaqsam mas-*Cybercrime* u wisq anqas ma jidher li hemm hjiel li l-legislatur ried jikkontrolla lill-ISPs permezz ta' dan is-subtitolu.

"51. Mill-provi jirrizulta li l-imputat irrirutja certa *data* izda ma jirrizultax li huwa b'xi mod dahal f'xi sistema ta' *computer* privat u ostakola d-dhul ghal xi *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appogg skond kif kienet dedotta l-imputazzjoni kontrih u skond il-kliem ta' l-artikolu 337C(1)(d).

"52. F'kull konsiderazzjoni ta' l-artikolu 337C(1)(d), ma jistax wiehed jinjora li r-reati kontemplati huma dawk marbuta ma' l-uzu mhux kif dovut tal-*computer* jew kif inhu maghruf bl-Ingliz *'Computer Misuse'*. Lanqas ma jista' wiehed jinterpreta l-kliem 'tippreveni jew tostakola d-dhul ghal xi *data*' bhala li japplika ghal kull sitwazzjoni jew li dawn jistghu jinfatmu minn subtitolu specjali tal-ligi li qieghed jirregola certa sitwazzjonijiet. Fil-kamp kriminali, mhux permess interpretazzjoni daqshekk wiesa'.

"53. L-azzjoni ta' l-imputat **tista' forsi** taqa' taht xi regolament iehor maghmul taht ligijiet ohrajn imma ma tistax titqies li taqa' taht il-kliem uzat fic-citazzjoni li tirriproduci kelma b'kelma d-dicitura ta' l-artikolu. Dan ir-regolament, jekk jezisti, qatt ma kien iccitat mill-prosekuzzjoni u mhux bil-fors li dan ir-reat f'dan ir-regolament ikun kompriz u involut fl-imputazzjoni. L-ezempju moghti fil-*footnote* juri li ligi (hawn il-Misuse of

Computer Act ta' l-Ingilterra) mhux bil-fors li tkopri kull sitwazzjoni li tinqala', u l-fatt li l-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa diga` kellu jizdidilha Protokoll juri kif is-sitwazzjoni fejn jidhlu l-*computers* u l-komunikazzjoni trid tkun il-hin kollu taht osservanza ghal kull zvilupp.

"54. Meta jitqiesu l-punti kollha ezaminati fil-paragrafi precedenti (32 sa 53), ma jidhirx li r-*rerouting* li ghamel l-imputat jaqa' taht dan l-artikolu jew taht il-kliem kif uzat fl-imputazzjoni li hu riflessjoni ta' l-istess artikolu."

Din il-Qorti jkollha tistqarr illi, wara li hasbet fit-tul fuq din il-kwistjoni, ezaminat l-atti kollha tal-process, ikkunsidrat is-sottomissjonijiet li saru quddiemha kif ukoll is-sottomissjonijiet (traskritti) li saru quddiem l-ewwel Qorti, u wara li anke ezaminat id-dibattiti parlamentari relattivi[2], ikollha tikkonkludi bhall-ewwel Qorti li l-agir ta' l-appellant ma jistax jinghata l-interpretazzjoni daqstant wiesa' li jippretendi l-appellant. Ghaldaqstant qed taghmel taghha l-konsiderazzjonijiet ta' l-ewwel Qorti u b'hekk tichad l-appell.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[2] Tieni Qari, seduti 412 sa 417 tad-Disa' Legislatura u l-Laqghat numri 57 (28 ta' Novembru 2000) u 58 (4 ta' Dicembru 2000) tal-Kumitat Permanenti ghall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Ligijiet.